# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ L-AKKADEMJA TAL-MALTI

DIĊEMBRU 1967

# L-UNIVERSITA' FIL-POST ĠDID

*Din is-sena twettqet ġrajja ta' l-aqwa siwi fil-koltura ta' pajjiżna: ir-Reġina inawgurat il-bini l-ġdid tal-Università tagħna fuq il-għolja tal-Qroqq, u hekk intemmu tliet sekoli ta' storja universarja fil-Belt Valletta.*

*Ħafna mill-alunni xjuħ ħassew għafsa ta' qalb meta raw lil Alma Mater tagħhom twarrab mill-post antik tagħha, għax dak il-post ifakkarhom fis-snin ta' faraġ u ħena taż-żgħużija, snin ta' ħeġġa, ta' studju u ta' tama, meta l-qalb tixgħel bl-imħabba u l-moħħ ifur bil-ħrara. Imma ż-żmenijiet jinbidlu u l-ħajja tiegħu xejriet ġodda.*

*L-Università tagħna llum ħadet sura ġdida biex timxi u tlaħħaq mal-progress li sar u qiegħed dejjem isir, fl-arti u fix-xjenza. Illum il-ħajja tal-bnedem qiegħda tkun irregolata minn mezzi mqanqlin minn arti jew xjenza u saħansitra l-ħsieb, ix-xogħol u l-imġiba tiegħu huma ispirati minn din ix-xejra ġdida xjentifika jew artistika.*

*Dan l-iskop ta' l-Università tagħna kien limitat għal din il-Gżira, iżda issa twassa' u nfirex biex jilħaq u jħaddan it-tagħlim u l-għerf li joħroġ minn Universitajiet oħra mxerrdin mad-dinja u fl-istess ħin biex ixerred mal-Universitajiet oħra l-ħidma tal-moħħ u tal-ġenju Malti.*

*Il-lum il-ġnus ma għandhomx mifrudin u magħluqin fihom nfushom donnhom mkebbin ġewwa fosdqa, imma huma qegħdin jifhmu li jeħtieġu jagħarfu lil xulxin aktar mill-qrib, jissieħbu, u jgħinu lil xulxin billi jieħdu sehem mill-ġid u l-ġabra ta' kulħadd. Għalhekk l-Universitajiet li jgħallmu liż-żgħażagħ u jhejjuhom biex 'l quddiem ikunu l-mexxejja ta' pajjiżhom, saru aktar universali fit-tagħlim tagħhom u kabbru l-lokal biex ikunu jistgħu jdaħħlu aktar studenti, u mhux biss igħallmuhom il-għerf, imma jdarruhom igħixu flimkien, jistmaw lil xulxin u jħarrġuhom bħala ċittadini tajba, għorrief, bieżlin u ħawtiela.*

*Din kienet ir-raġuni li nbniet l-Università l-ġdida barra l-Belt, imma barra din hemm raġuni oħra. Illum Malta hi pajjiż indipendenti u bħala nazzjon li għandu rajh f'idejh, jixraq li juri ruħu li hu 'l quddiem fil-koltura u li hu f'pożizzjoni li jgħallem u jxerred din il-koltura fost popli oħra. Malta qiegħda f'nofs il-Mediterran imdawra b'ħafna nazzjonijiet li jistgħu jinqdew bil-faċilitajiet tagħha biex jagħtu tagħlim għoli u siewi lill-istudenti tagħhom. Dan jista' jsir fil-lokal il-ġdid ta' l-Università fejn hemm bini, dipartimenti, kum-*

*ditajiet u faċilitajiet li jħabbtuha fil-wisa' ma' dawk ta' Universitajiet ta' barra. Fiha l-istudenti stranjieri jsibu kull mezz mhux biss biex jissaħħu fl-arti u fix-xjenza, imma wkoll biex jidraw igħixu ħajja xierqa, tal-qalbu u hekk mhux biss isiru professjonisti imma galantomi wkoll.*

*Għax bniedem isir kolt u ġentlom mhux biss b'dak li jitgħallem fil-klassijiet imma wkoll b'dak li jara u jisma' u jġarrab fl-Università. Il-lokal nnifsu ta' l-Università jrabbi tradizzjoni li tidħol fil-qalb ta' l-istudenti u jqajjem xejra li bħal fewġa ħelwa u safja tpaxxi l-moħħ tagħhom.*

*Dan kien l-iskop li għalih nbena lokal ġdid għall-Università tagħna. B'daqshekk l-Università ma ntemmetx jew f'lokha daħlet Università ġdida. L-Alma Mater tagħna għandha storja, tradizzjoni u foħrija li jibqgħu jitkattru u jseddqu mal-milja tas-snin u dan il-lokal ġdid iservi biex jagħti xejra ġdida u jħeġġeġ għat-tagħlim u jseddaq bl-irġulija lil għadd kbir taż-żgħażagħ Maltin u stranjieri li jidħlu fih biex jixorbu mill-għajn ta' Minerva ħalli, kull wieħed minnhom,* "b'ismu l-art jimla u jistenna
wara mewtu li tfaħħru kull nies".

(CUSCHIERI — *Il-poeta tal-Madonna*).